

**Brussell, 20 ta' Frar 2023  
(OR. en)**

**6631/23**

**COAFR 77  
COPS 90  
DEVGEN 37  
COHOM 53  
COHAFA 20  
RELEX 244  
CFSP/PESC 300  
CSDP/PSDC 143**

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

|          |                                                                                                                                                                                                |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                               |
| lil:     | Delegazzjonijiet                                                                                                                                                                               |
| Suġġett: | Strateġija mgiedda tal-UE għal-Lagi l-Kbar: Appoġġ għat-trasformazzjoni tal-kawżi fundamentali tal-instabbiltà f'opportunitajiet kondiviżi<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Frar 2023) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija mgiedda tal-UE għal-Lagi l-Kbar kif approvati fit-3932 laqgħa tal-Kunsill fl-20 ta' Frar 2023.

**Strateġija mgiedda tal-UE għal-Lagi l-Kbar: Appoġġ għat-trasformazzjoni tal-kawżi  
fundamentali tal-instabbiltà f'opportunitajiet kondiviżi**

**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

**Introduzzjoni**

1. Il-Lagi l-Kbar huma reġjun strateġikament importanti, interkonness b'mod profond mal-bqija tal-kontinent. Ir-reġjun, li fih jgħixu soċjetajiet dinamiċi u reżiljenti, għandu l-potenzjal li jsir mutur għall-iżvilupp tal-kontinent kollu.
2. Ir-reġjun għandu rabtiet umani, politiċi u ekonomiċi b'saħħithom u fit-tul mal-Unjoni Ewropea (UE). L-UE, flimkien mal-Istati Membri tagħha, hija impenjata bis-sħiħ li tapprofondixxi r-relazzjoni strateġika u s-sħubija ugwali tagħha mar-reġjun tal-Lagi l-Kbar biex tappoġġa d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, il-paċi u s-sigurtà, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli.
3. F'dawn l-aħħar deċennji, iċ-ċiklu kontinwu ta' konflitt, vjolenza u tensjonijiet dgħajjef it-talent, il-kreattività u l-intraprenditorija tal-poplu tiegħu u impedixxa lir-reġjun milli jibbenefika mill-potenzjal enormi tiegħu f'termini ta' bijodiversità, foresti tropikali, assi agrikoli u tal-ilma, u depożiti ta' materja prima. B'mod partikolari, l-intensifikazzjoni tal-konflitt armat fil-Lvant tar-RDK, l-instabbiltà politika u t-tensjonijiet bilaterali ċikliċi fir-reġjun, huma xhieda tal-prezz uman traġiku li ser ikompli jitħallas jekk ma tinkisibx paċi dejjiema u komprensiva. L-instabbiltà li komplet għaddejja rriżultat f'waħda mill-aġar u l-itwal kriżijiet umanitarji tad-dinja u tesponi lir-reġjun għar-riskju li jsir fortizza għat-terroriżmu domestiku u internazzjonali u għan-networks kriminali tranżnazzjonali.

4. Il-kawżi fundamentali u l-ixpruni tal-insigurtà u l-instabbiltà huma kumplessi, b'diversi livelli u interkonnessi, u jinkludu governanza ħażina u korruzzjoni, nuqqas ta' istituzzjonijiet inklużivi, impunità stabbilita u abbuż tal-poter, u kompetizzjoni vjolenti għall-aċċess għall-art u riżorsi naturali oħra u għall-kontroll tagħhom. Barra minn hekk, il-proliferazzjoni ta' gruppi armati, l-istrumentalizzazzjoni tagħhom minn atturi barranin, reġjonali u domestiċi, l-interferenza fit-territorji tal-istati ġirien, l-aċċess faċli għall-armi, it-tensjonijiet etniċi xprunati mid-diżinformazzjoni, il-komunikazzjoni manipulattiva u d-diskors ta' mibegħda, il-ksur u l-abbużi serji u sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem, il-ksur tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali (IHL), il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, it-trauma kollettiva, il-persjoni demografika, il-faqar, il-ġuħ u l-insigurtà tal-ikel, l-ispostament furzat fit-tul u l-movimenti irregolari tal-persuni, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali kollha kkontribwew għal konflitti persistenti.
5. Biex dawn il-kawżi fundamentali jiġu indirizzati b'suċċess, l-involviment u r-responsabbiltà tal-pajjiżi fir-reġjun, primarjament il-Burundi, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), ir-Rwanda u l-Uganda, huma kruċjali għall-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ġirien tagħhom u s-sħab reġjonali u internazzjonali. L-impenn reġjonali għandu jipprioritizza l-impenn tal-pajjiżi għall-paċi, jirrispetta s-sovranià u l-integrità territorjali tal-pajjiżi kollha fir-reġjun u jrawwem ambjent ta' fiduċja reċiproka u sħubija. L-inizjattivi diplomatiċi li r-reġjun usa' nieda, bħall-Qafas għall-Paċi, is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni (PSCF) għar-RDK u r-reġjun, u aktar reċentement il-proċessi ta' Luanda u Nairobi, huma kruċjali għall-kisba ta' paċi u sigurtà sostenibbli fit-tul.

#### *Il-Ħtieġa ta' Impenn Strateġiku Mġedded tal-UE*

6. L-UE minn dejjem aspirat li jkollha impatt pożittiv u tanġibbli fir-reġjun. Investiet b'mod qawwi fil-paċi, l-istabbiltà u l-iżvilupp fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar, permezz ta' bosta azzjonijiet diplomatiċi, politiċi, ta' sigurtà, ta' żvilupp u umanitarji. L-UE tixtieq tqis it-tagħlimiet meħuda biex iġġedded u ssaħħaħ din l-ambizzjoni.

7. Peress li s-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità tal-pajjiżi tar-reġjun tal-Lagi l-Kbar jibqgħu prijorità strateġika għall-UE, bħalissa hemm hteġa urġenti u opportunità għall-UE biex timpenja ruħha b'mod aktar effettiv mar-reġjun innifsu fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u twil. L-Istrateġija l-ġdida hija bbażata fuq approċċ reġjonali integrat u tibni fuq il-Qafas Strateġiku preċedenti tal-UE għar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar (2013), filwaqt li hija aktar orjentata lejn l-azzjoni. Din tiffoka fuq ċerti setturi fejn l-UE għandha interess ġenwin komuni mar-reġjun u tista' ġġib valur miżjud. Għandha wkoll l-għan li tinvolvi aħjar lis-settur privat u lis-soċjetà ċivili. L-Istrateġija tibni fuq il-Viżjoni Konġunta 2030 adottata fis-Summit bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana ta' Frar 2022, hija allinjata bis-sħiħ mal-Istrateġija tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2020 għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi, il-Prevenzjoni tal-Konflitti u r-Riżoluzzjoni tal-Konflitti fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar, u hija konsistenti mal-PSCF.

#### Prinċipji Gwida

8. L-impenn strateġiku mġedded tal-UE huwa bbażat fuq ir-rispett, is-sħubija ugwali, l-interessi komuni, is-sjieda lokali, u r-responsabbiltà reċiproka.
9. L-UE ser tiddefendi u tippromwovi l-multilateraliżmu effettiv u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, bin-NU fil-qalba tiegħu. Din l-istrateġija hija allinjata mal-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli u turi l-impenn tal-UE li taħdem favur il-kisba sħiħa tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
10. L-UE ser tippromwovi wkoll ir-rispett tal-integrità territorjali, is-sovrani, l-indipendenza u l-ugwaljanza tal-istati. Ir-rispett għad-demokrazija, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali ser jibqgħu fiċ-ċentru tal-azzjonijiet kollha tal-UE. B'mod aktar speċifiku, l-UE ser tippromwovi elezzjonijiet ħielsa u ġusti u ġustizzja tranżizzjonali kif ukoll il-ġlieda kontra l-impunità u l-korruzzjoni. Hija ser taħdem ukoll biex tiġġieled id-diskriminazzjoni etnika u diskriminazzjoni oħra bbażata fuq gruppi, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata.

11. L-UE ser tkompli tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet kollha, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħha, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-impenji tagħha lejn ir-reġjun. Ser iżżid l-azzjoni tagħha biex tiġġieled il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru. L-UE ser issostni wkoll l-impenn qawwi tagħha għar-rispett sħiħ tad-drittijiet tat-tfal, filwaqt li ssaħħa l-isforzi biex jintemmu u jiġu evitati l-vjolazzjonijiet imwettqa kontra t-tfal u tikkontribwixxi biex jinkiser iċ-ċiklu ta' vjolenza, filwaqt li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-aġenda dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati, f'konformità mal-Linji Gwida applikabbli tal-UE u r-risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.
12. L-UE ser tkompli tippromwovi l-inklużività u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tas-soċjetà ċivili, in-nisa, iż-żgħażaġh, il-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u l-komunitajiet emarġinati fis-soċjetà. L-UE ser tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-istrutturi tal-istat u l-istituzzjonijiet demokratiċi, li, flimkien mat-tisħiħ tal-pożizzjoni taċ-ċittadini, l-involviment mas-soċjetà ċivili u l-involviment tas-settur privat, iwasslu għal soċjetajiet paċifiċi u l-istabbiltà tar-reġjun.
13. L-UE ser tkompli ssaħħa l-approċċ integrat tagħha għall-konflitti u l-kriżijiet, u ssaħħa ir-rabta bejn l-assistenza umanitarja, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u l-paċi permezz ta' rabta tripla. L-approċċ sensittiv għall-konflitti ser jissaħħa biex jiġi żgurat li l-isforzi tal-UE jirrispettaw il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" u jiġu evalwati regolarment fir-rigward ta' kwalunkwe impatt sekondarju li jista' jkollhom.

#### Objettivi u Prijoritajiet Ewlenin tal-UE

14. L-objettiv u l-prijorità ġenerali tal-UE hija li tgħin biex jintemm il-konflitt armat u jiġu promossi l-paċi, id-demokrazija u l-iżvilupp sostenibbli fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar billi tikkontribwixxi għat-trasformazzjoni tal-kawżi fundamentali tal-insigurtà u l-instabbiltà f'opportunitajiet kondiviżi u tisfrutta l-potenzjal sħiħ tar-reġjun.
15. L-ewwel nett, l-iżgurar ta' paċi, sigurtà, stabbiltà u r-rispett fit-tul tad-drittijiet tal-bniedem fil-Lvant tar-RDK u fir-reġjun, f'konformità ma' approċċ integrat, huwa prijorità ewlenija għall-UE.

16. It-tieni nett, l-UE ser tappoġġa r-reġjun fl-iżvilupp ta' mudell ta' ġestjoni tar-riżorsi mmexxi mill-Afrika li jkun sostenibbli, ġust, ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u ambjentalment sod, bħala pilastru essenzjali tal-istabbiltà u l-iżvilupp tiegħu stess.
17. Barra minn hekk, l-UE għandha l-għan li tippromwovi integrazzjoni reġjonali aktar b'saħħha, inkluż f'termini ta' kummerċ interreġjonali u intrareġjonali, biex b'hekk tikkontribwixxi għat-titjib tal-ħajja ekonomika tal-komunitajiet lokali. Dan jista' jsir fattur ta' stabbilizzazzjoni u mutur futur tal-prosperità għar-reġjun u għall-kontinent kollu.

*Minn Tensjonijiet għal Fiduċja, Sigurtà u Stabbiltà*

18. Il-preżenza kontinwa u l-attivitajiet li għadhom għaddejjin ta' gruppi armati barranin u lokali, b'mod partikolari fil-Lvant tar-RDK, li għandhom impatt devastanti fuq il-popolazzjoni ċivili u li affettwaw b'mod negattiv ir-relazzjonijiet bilaterali fost il-pajjiżi tar-reġjun, jeħtieġ li jiġu indirizzati minnufih.
19. L-unika ħaġa li tista' tirrestawra u ssaħħa il-fiduċja reċiproka u l-kunfidenza hija djalogu kredibbli u inklużiv bejn il-pajjiżi tar-reġjun, meta meħtieġ akkumpanjat minn sforzi nazzjonali ta' rikonċiljazzjoni f'kull pajjiż. Dan huwa l-ewwel pedament tal-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà sostenibbli. L-UE tinsab lesta li żżid l-impenn tagħha fil-medjazzjoni, l-attivitajiet ta' appoġġ għall-medjazzjoni u d-djalogu, biex tippreserva u tirrestawra l-paċi fi kwalunkwe stadju u fil-livelli kollha, bejn l-awtoritajiet, il-partijiet għall-konflitti, il-komunitajiet lokali, is-soċjetà ċivili u s-settur privat. Hija lesta li taġixxi bħala intermedjarju, meta u jekk tintalab mill-partijiet rilevanti.
20. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-attakki mill-gruppi armati kollha li joperaw fir-RDK, inkluż il-Moviment tat-23 ta' Marzu (M23), il-Coopérative pour le développement du Congo (CODECO), il-Forzi Demokratiċi Alleati (ADF), il-Forces démocratiques de libération du Rwanda (FDLR), ir-Résistance pour un État de droit (RED-Tabara) u l-gruppi Mai-Mai, u tħeġġeġ lill-gruppi armati biex iwaqqfu minnufih l-ostilitajiet u jsegu dan b'waqfien mill-ġlied verifikabbli, l-irtirar miż-żoni kollha taħt il-kontroll tagħhom u d-diżarm.

21. L-UE thegħegħ bil-qawwa lill-istati kollha tar-reġjun u lill-atturi internazzjonali biex jirrispettaw bis-sħiħ is-sovraniità u l-integrità territorjali, u joqogħdu lura milli jikkooperaw mal-gruppi armati fil-Lvant tar-RDK u fir-reġjun kollu u lanqas ma jappoġġawhom, inkluż permezz tal-eżerċizzju ta' influwenza illegali lil hinn mill-fruntieri tal-istat, il-kollaborazzjoni ma' delegati vjolenti u l-użu ta' networks illeċiti għat-traffikar ta' riżorsi naturali. F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li kwalunkwe appoġġ għal dawn il-gruppi armati, attivitajiet militari mhux mitluba f'territorju barrani, u ksur tal-embargo fuq l-armi u r-reġimi ta' sanzjonijiet tan-NU huma kontravvenzjoni diretta tad-dritt internazzjonali applikabbli u ta' għadd ta' impenji meħuda mill-pajjiżi tar-reġjun. L-istati fir-reġjun iridu jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipproteġu l-popolazzjoni ċivili fit-territorji tagħhom, kif ukoll jiġġieldu d-diskors ta' mibegħda, il-ksenofobija u l-inċitament għall-vjolenza. Dawk responsabbli għall-inċitament tal-vjolenza jeħtieġ li jittressqu quddiem il-ġustizzja.
22. L-UE tfaħħar ir-rwol importanti tan-Nazzjonijiet Uniti fl-appoġġ għall-istabbilizzazzjoni tar-reġjun. B'mod partikolari, l-UE tenfasizza l-importanza kritika tal-Missjoni ta' Stabbilizzazzjoni tan-NU fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUSCO) għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili fil-Lvant tar-RDK. L-UE tappoġġa lill-MONUSCO għat-tul tal-mandat tagħha u tikkundanna bil-qawwa kull vjolenza kontra l-persunal tan-NU u kwalunkwe inċitament għaliha.
23. L-UE tilqa' l-isforzi reġjonali bħall-Proċessi ta' Nairobi u Luanda, li hija ser tkompli tappoġġa, u tiegħu nota tal-iskjerament tal-forza reġjonali tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant. L-UE ser takkumpanja l-istrumenti reġjonali eżistenti bħall-Mekkaniżmu ta' Verifika Konġunta Estiż (EJVM) u tinsab lesta li tappoġġa inizjattivi oħra, bħall-Mekkaniżmu ta' Sorveljanza Reġjonali għall-PSCF kif ukoll l-isforzi ta' medjazzjoni u faċilitazzjoni komplementari mill-Istati Membri tal-UE u sħab tal-istess fehma.

24. Ir-responsabbiltà nazzjonali hija karatteristika kruċjali tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS). L-UE tinsab lesta li tappoġġa dan il-proċess permezz ta' djalogi settorjali ddedikati u regolari. L-UE, kif adatt, ser tkompli tappoġġa r-RSS fir-reġjun, inkluż l-isforzi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-forzi tas-sigurtà nazzjonali, li hija kondizzjoni kritika għas-suċċess tal-isforzi ta' stabbilizzazzjoni fil-livell reġjonali. L-UE ser tikkunsidra l-assistenza fl-ispettru sħiħ tas-sigurtà, inkluż l-aġenziji militari, tal-pulizija u tal-intelligence, il-ministeri, il-parlament, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-korpi ġudizzjarji u ta' prosekuzzjoni. F'dan il-kuntest, l-UE ser tappoġġa wkoll is-sorveljanza militari u tal-infurzar tal-liġi, ġudikatura effettiva u ġusta, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u kwalunkwe inizjattiva li twassal biex tintemm il-kultura ta' impunità, inkluż mekkaniżmi ta' ġustizzja tranżizzjonali.
25. Is-suċċess tad-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni (DDR) ta' membri ta' gruppi armati u r-ripatrijazzjoni ta' gruppi armati barranin, abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-passat, ser ikunu kruċjali għal paċi dejjiema u fiduċja mġedda fir-reġjun. L-UE, flimkien ma' sħab internazzjonali tal-istess fehma, ser teżamina modi kif issaħħaħ l-appoġġ għal dan il-proċess. Permezz ta' approċċ ta' rabta tripla, l-UE ser tiffoka fuq id-dħul mill-ġdid ta' eks kumbattenti u l-irkupru tal-komunità, inkluż permezz ta' djalogu u rikonċiljazzjoni fil-komunità u l-indirizzar tat-trauma, u tikkontribwixxi għall-iżvilupp soċjoekonomiku sostenibbli u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima fil-komunitajiet ospitanti affettwati. Ser tingħata attenzjoni speċifika għall-ħtiġijiet tan-nisa u t-tfal li qabel kienu assoċjati mal-attivitajiet ta' gruppi armati.
26. L-UE ser tippromwovi kooperazzjoni msaħħa dwar il-kontroll, il-protezzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri tal-art u tal-lagi, inkluż il-kooperazzjoni doganali u ta' sigurtà, li huma kruċjali biex jittaffew it-tensjonijiet u tinholq il-bażi għal żvilupp fit-tul. L-UE ser tippromwovi kooperazzjoni ġudizzjarja u ta' sigurtà msaħħa, inkluż fiċ-ċibersigurtà, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi u tar-riżorsi naturali, il-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-finanżjament ta' gruppi armati u l-kriminalità organizzata.

27. Il-popolazzjonijiet kbar u li qed jiżdiedu tar-refuġjati u l-għadd kbir ta' persuni spostati f'pajjiżhom (IDPs) fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar huma sfida ewlenija. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-UNHCR u organizzazzjonijiet rilevanti oħra, l-UE ser tappoġġa lill-pajjiżi tar-reġjun fl-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-IDPs, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tar-refuġjati, filwaqt li tagħti attenzjoni speċjali lin-nisa, lit-tfal, lill-anzjani u lill-persuni b'diżabbiltà. Soluzzjonijiet politiċi biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mar-refuġjati ser jiġu appoġġati wkoll bil-ħsieb li jiġu solvuti tensjonijiet u konflitti transfruntiera li jirriżultaw minn movimenti migratorji tal-passat.
28. F'konformità mal-Aġenda tan-NU u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, l-UE ser tagħti attenzjoni partikolari lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rwol ta' tmexxija tan-nisa u l-bniet, b'mod partikolari fil-promozzjoni tat-tiswir u ż-żamma tal-paċi, governanza aħjar u żvilupp sostenibbli. Dan ser jappoġġa t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u ż-żgħażaġh, ir-rappreżentanza tagħhom u l-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali, effettiva u sinifikanti, filwaqt li tiġi rrispettata d-diversità tagħhom. Ser iżżid l-azzjoni tagħha biex tipprevjeni u tiġġielel il-vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru, inkluż bħala arma tal-gwerra, immirata b'mod partikolari kontra n-nisa u l-bniet.
29. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' impenjata favur is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), f'dan il-kuntest. B'dan il-ħsieb, l-UE ttenni l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi, ta' kwalità u bi prezz li jintlaħaq dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi għall-kura tas-saħħa.

Mit-Traffikar għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

30. F'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-UE ser tinvolvi ruħha ma' interlokuturi reġjonali li jfittxu li jiżviluppaw u jimplimentaw aġenda kummerċjali u ta' investiment ġusta, miftuħa u bbażata fuq ir-regoli. Hija tinsab lesta li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi intrareġjonali għall-ġestjoni u l-governanza sostenibbli tal-ktajjen tal-valur tar-riżorsi naturali, filwaqt li tinkoraggja b'mod attiv il-passaġġ mit-traffikar għal ekonomija leġittima bbażata fuq il-kummerċ.
31. L-UE ser tqiegħed enfasi ewlenija fuq il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi. Dan ser jinkludi minerali ta' konflitt bħal-landa, it-tantalju, it-tungstenu u d-deheb, u materja prima kritika, bħall-kobalt u l-litju, importanti għall-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur lokali sostenibbli u għat-tranżizzjoni globali tal-enerġija. L-UE ser tkompli tappoġġa l-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċ ta' minerali lokali sostenibbli u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur lokali u internazzjonali, inkluż permezz ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku, b'konsistenza mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, l-istandards internazzjonali u l-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni reġjonali, inkluż dawk tal-Konferenza Internazzjonali dwar ir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar (ICGLR). Dan ser jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-valur miżjud lokali, filwaqt li jimmassimizza l-benefiċċji tal-isfruttament tar-riżorsi naturali għall-popolazzjoni lokali. Ser tingħata attenzjoni speċjali lid-drittijiet tal-ħaddiema, b'mod partikolari l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tal-minjieri.
32. L-UE hija lesta li ssaħħa l-appoġġ tagħha lill-pajjiżi tar-reġjun u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u li ssaħħa il-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni ta' riżorsi ambjentali konġunti fl-oqsma tal-protezzjoni u l-ġestjoni tal-foresti u l-ekosistemi transfruntiera, l-annimali selvaġġi u l-ispeċijiet tal-pjanti, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija newtrali għall-klima, l-ekoturiżmu u l-ktajjen tal-valur agrikoli sostenibbli u mingħajr deforestazzjoni.

33. It-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali diġà qed ikollhom impatt kbir fir-reġjun. Huma wkoll multiplikatur tar-riskju, li jimplifika l-vulnerabbiltajiet li diġà jeżistu, jaggrava l-konflitti, l-ispostamenti u l-kompetizzjoni għal riżorsi naturali skarsi, speċjalment l-art u l-ilma. L-UE ser tkompli tappoġġa l-protezzjoni tal-bijodiversità, l-ekosistemi u r-riżorsi naturali, u l-mitigazzjoni ta' u l-adattament għall-impatt dejjem jikber tat-tibdil fil-klima fuq il-popolazzjonijiet lokali, f'konformità mal-Kunċett tal-UE għal Approċċ Integrat dwar it-Tibdil fil-Klima u s-Sigurtà. L-UE ser tappoġġa wkoll Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali ambizzjużi skont il-Ftehim ta' Pariġi. Ser tingħata attenzjoni speċjali lill-preservazzjoni tar-rwol kritiku li għandhom il-foresti tar-reġjun bħala bir tal-karbonju. L-UE ser tkompli wkoll tippromwovi d-dritt għal ambjent nadif, san u sostenibbli.
34. Fid-diplomazija tagħha, l-UE ser tenfasizza l-opportunitajiet li jgħibu magħhom it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali f'termini ta' żvilupp ekonomiku, b'mod partikolari għall-investment, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tisħiħ tas-settur privat u l-ambjent tan-negozju, kif ukoll f'termini ta' żvilupp tal-bniedem, inkluż l-aċċess għal servizzi soċjali bażiċi u t-titjib tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

#### Mill-Kompetizzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Integrazzjoni

35. Bħala segwitu għas-summit UE-UA ta' Frar 2022, l-UE, f'kooperazzjoni mal-pajjiżi tar-reġjun, ser timplimenta l-Pakkett ta' Investment tal-Global Gateway. Il-Global Gateway ser tappoġġa investimenti sostenibbli fuq skala kbira permezz ta' Inizjattivi ta' Tim Ewropa u strumenti ta' kooperazzjoni, filwaqt li tqis il-prijoritajiet nazzjonali.
36. B'mod partikolari, l-UE tinsab lesta li tistimula l-integrazzjoni reġjonali u tippromwovi investimenti trasformattivi. L-UE ser tiffoka fuq il-kummerċ transfruntier u l-kooperazzjoni ekonomika, filwaqt li tappoġġa l-integrazzjoni ekonomika u kurituri strateġiċi ġodda tat-trasport biex tgħaqqad aħjar l-erba' pajjiżi tar-reġjun ma' xulxin, mal-ġirien reġjonali tagħhom u mal-bqija tad-dinja. Dawn il-kurituri internazzjonali ser jgħaqqdu r-reġjun mal-portijiet tal-Atlantiku u tal-Oċean Indjan.

37. Barra minn hekk, l-UE ser tappoġġa investimenti biex tiġi żviluppata kooperazzjoni dwar il-produzzjoni u l-kummerċ tal-enerġija, inkluż permezz ta' interkonnessjonijiet bejn il-grilji għat-trażmissjoni tal-elettriku ta' pajjiżi differenti, kif ukoll spinta biex tiżdied il-provvista tal-enerġija rinnovabbli u effettività akbar tal-enerġija.
38. L-UE ser tappoġġa u tassisti l-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali, bħal dawk tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (EAC), il-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) u l-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika Ċentrali (ECCAS), kif ukoll iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali Afrikana (AfCFTA), li joffru opportunità għal governanza aħjar tal-kummerċ reġjonali. L-UE ser tfittex li ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha stess dwar il-kummerċ u l-investment mar-reġjun, inkluż permezz tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika disponibbli għall-pajjiżi fir-reġjun.
39. L-UE ser tkompli ssaħħaħ it-tħejjija, il-prevenzjoni u r-rispons għal diżastri u pandemiji, u tindirizza b'mod aktar effettiv emerġenzi tas-saħħa pubblika li affettwaw lil bosta persuni fir-reġjun kollu, inkluż permezz ta' investment fit-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u l-iżgurar tal-aċċess għas-servizzi tas-saħħa primarja.

### Sħab

40. Bl-għan li ssegwi approċċ ta' ċrieki konċentriċi ġeografiċi, l-UE ser tfittex impenn attiv dwar l-isfidi tar-reġjun ma': ir-RDK, il-Burundi, ir-Rwanda u l-Uganda; pajjiżi fir-reġjun usa' b'interessi politiċi, diplomatiċi, ta' sigurtà u/jew ekonomiċi speċifiċi fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar, inkluż, iżda mhux limitati għal, il-firmatarji tal-Qafas għall-Paċi, is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni għar-RDK; u l-organizzazzjonijiet u l-fora reġjonali ewlenin, jiġifieri l-UA, l-EAC, l-ECCAS, il-SADC, l-ICGLR, il-Komunità Ekonomika tal-Pajjiżi tal-Lagi l-Kbar u s-Suq Komuni għal-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afrika (COMESA).

41. L-UE ser tkompli tikkoopera man-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari mal-Mibgħut Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar u l-MONUSCO, u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, kif ukoll sħab internazzjonali oħra tal-istess fehma, f'konformità ma' approċċ integrat biex jitravmu aktar sinerġiji.
42. L-UE ser tistimula kooperazzjoni tanġibbli bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-atturi lokali, inkluż negozjanti fuq skala żgħira u awtoritajiet u komunitajiet lokali, dwar kwistjonijiet speċifiċi fl-interess kollettiv tar-reġjun.
43. L-UE ser tkompli tappoġġa l-involvement attiv u sinifikattiv tas-soċjetà ċivili fl-isfera politika u soċjoekonomika. Dan ser jappoġġa d-dinamika reġjonali fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, filwaqt li jippromwovi l-involvement u d-djalogu transfruntiera.
44. L-UE ser timpenja ruħha b'mod aktar attiv mas-settur privat, li huwa essenzjali għall-formalizzazzjoni tal-ekonomija, il-ħolqien ta' valur miżjud lokali u opportunitajiet ta' impjieg deċenti, u t-titjib tal-istandards tal-industrija, biex b'hekk tiġi żgurata l-integrazzjoni fil-ktajjen tal-valur reġjonali u globali. Ser tingħata attenzjoni speċifika għat-titjib tal-klima kummerċjali u ż-żamma u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-settur privat.

*It-Triq 'il Quddiem: Għodod u Politiki għall-Implimentazzjoni tal-Istrateġija*

45. Din l-Istrateġija għal-Lagi l-Kbar tistabbilixxi l-qafas għall-politiki u l-azzjonijiet kollha tal-UE fir-reġjun, li jippermettu l-insewiment ta' impenn imsaħħaħ u jwasslu għal riżultati konkreti u li jistgħu jitkejlu.

46. L-UE ser tintensifika l-impenn diplomatiku tagħha fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar kif ukoll miegħu, u hija lesta li ssaħħa il-preżenza tagħha fih, b'mod partikolari fil-Lvant tar-RDK. Koordinazzjoni msaħħa bejn id-Delegazzjonijiet tal-UE fir-reġjun, kif ukoll mar-rappreżentanzi tal-Istati Membri ser issaħħa l-impronta diplomatika tal-UE. L-UE ser tkompli d-djalogi politiċi regolari ma' kull wieħed mill-pajjiżi fir-reġjun. Tinsab lesta wkoll li tinvolvi ruħha fi djalogu politiku reġjonali mal-erba' pajjiżi primarjament ikkonċernati, biex tidentifika korsiji għal kooperazzjoni konġunta, f'koordinazzjoni sħiħa mal-proċessi eżistenti l-oħra.
47. Minbarra l-impenn diplomatiku akbar tagħha, l-UE ser tappoġġa l-isforzi ta' medjazzjoni u ta' riżoluzzjoni tal-konflitti mmexxija mill-pajjiżi fir-reġjun, kif ukoll mill-Istati Membri tal-UE u s-sħab tal-istess fehma.
48. Filwaqt li tibni fuq il-valuri kondiviżi tagħha mal-pajjiżi fir-reġjun, l-UE ser tfittex li ssaħħa id-djalogu tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali mal-pajjiżi tar-reġjun. Hija ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod attiv u titkellem pubblikament dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali. L-UE ser tippromwovi wkoll aktar kooperazzjoni f'fora multilaterali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.
49. Bi tweġiba għall-kobor tal-kriżi umanitarja u dik marbuta mal-protezzjoni fil-Lvant tar-RDK, l-UE ser tkompli tipprovdi assistenza umanitarja għall-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli u milquta mill-kriżi, inkluż għan-numri kbar ta' IDPs u refuġjati tar-reġjun, filwaqt li tfittex li trawwem soluzzjonijiet dejjiema għal dawn il-popolazzjonijiet.
50. L-UE taferma mill-ġdid ir-rieda tagħha li timmobilizza, kif xieraq, il-firxa sħiħa tal-għodod u l-politiki tagħha biex timplimenta din l-Istrateġija, inkluż l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF).
51. L-UE ser thegheg u tappoġġa inizjattivi u investimenti trasformattivi bilaterali jew multinazzjonali, inkluż permezz tal-Global Gateway u l-Inizjattivi reġjonali ta' Tim Ewropa.

52. L-UE ser tappoġġa l-paċi u s-sigurtà, kemm fil-livell bilaterali kif ukoll f'dak reġjonali, u tista' tikkunsidra azzjonijiet ulterjuri biex issaħħaħ u tappoġġa l-kapaċitajiet tal-forzi tas-sigurtà u tad-difiża tal-pajjiżi fir-reġjun għal dak l-għan, fil-kuntest tar-riformi tas-settur tas-sigurtà.
53. L-UE ser tkompli tissorvelja mill-qrib u teżamina l-effett tal-miżuri restrittivi tagħha, kif ukoll temendahom meta u jekk meħtieġ fl-insewiment tal-paċi, is-sigurtà, id-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, bħala parti mill-oġettivi tal-politika esterna tagħha. Il-miżuri restrittivi ser jibqgħu għodda li twassal għal bidla pożittiva fl-imġiba mill-persuni u l-entitajiet responsabbli għas-sostenn jew l-isfruttament ta' konflitti armati, id-destabilizzazzjoni tal-pajjiżi fir-reġjun u responsabbli għal ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem. F'dik il-perspettiva, dawn jistgħu jintużaw biex titnaqqas il-kapaċità tan-networks kriminali li jittraffikaw ir-riżorsi naturali u li huma involuti fl-isfruttament illegali, il-kummerċ illeċitu u l-flussi finanzjarji illeċiti.
54. L-UE ser issaħħaħ il-komunikazzjoni pubblika tagħha, bil-ħsieb li tippromwovi l-kontributi u l-politiki tagħha, tirreaġixxi malajr għal żviluppi sinifikanti u dinamiċi reġjonali, u tiġġieled b'mod attiv id-diżinformazzjoni, il-komunikazzjoni manipulattiva u d-diskors ta' mibegħda minn ġewwa r-reġjun kif ukoll dawk li joriġinaw minn atturi esterni.
55. Filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa għal impenn ta' livell għoli mar-reġjun, u sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija, l-UE ser tfittex li terġa' tintroduċi l-pożizzjoni ta' Rappreżentant Speċjali tal-UE għar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli jippreżenta proposta għal dak l-għan.
56. Il-Kunsill jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lis-servizz tal-Kummissjoni jiżguraw li l-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp jiġu aġġustati f'konformità ma' din l-Istrateġija kif ukoll mal-aħħar żviluppi u t-tagħlimiet meħuda.
57. Il-Kunsill ser jikkunsidra regolarment il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija u jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jippreżentaw modalitajiet konkreti għall-operazzjonalizzazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Istrateġija.

